# NIEQA MQADDSA

## ODI

*Ta'* ĠUŻE' GALEA

Il-għana ħelu li smajt f'widnejja
fetaħ 'l għajnejja.
Ilmaħt quddiemi nieqa sabiħa
nieqa li ssaħħar bil-ġmiel u l-fwieħa.
Ilmaħt ma' dwarha jien f'dak il-ħin
qtajja' ta' Anġli tant ferħanin;
mistagħġbin rajthom,
jistaqsu smajthom:
Liema nieqa eqdes minn din?

Ġo dik in-nieqa x'inhu li rajtu?
Mistagħġba għax bqajtu
Anġli tas-Sema? Min jinsab fiha?
Nista' wkoll jien nitgħaxxaq biha?
L-Anġli wieġbuni: ħares u thenna
fin-niket tiegħek b'dal-ġmiel tal-Ġenna.
F'din it-Tarbija
ara l-Messija,
li b'ħerqa kbira ilek tistenna.

Minnhom mistieden fis ersaqt jiena
lejn il-benniena,
xewqan ġo fiha ħarist jien sewwa
dehra tal-Ġenna jien rajt ħemm ġewwa;
imdawwar bid-dija ħelu Bambin,
bil-bjuda u l-fwieħa tal-ġiżimin.
Jien malli rajtu
mill-ewwel qtajtu
ruħ kollha t'Alla, ħolqien divin.

Bnedmin nifirħu: twieldet Tarbija,
il-Mistennija
mid-dinja kollha għal bosta żmien;
nifirħu, ħuti! għax il-ħelsien
wasal sa fl-aħħar; għar-rebħa tagħna
min imexxina, issa għandna magħna.
Oh ħelwa nieqa!
M'hemmx iżjed dieqa,
bis-saħħa tiegħek, ruħna hi mistagħna.



# IL-KELB TAS-SUR MANIFK

*Ta'* PAWLU CACHIA

Il-bniedem sikwit jarralu meta jaħseb li f'dak li sa jkun ħa jagħmel sa joħroġ ta' raġel bl-għeruq u x-xniexel. Hekk ġralu tal-laħam. Ħaseb li sa jagħmel mod, imma bdielu għax ġieh ieħor. U ngħiduha, ħadd ħliefu ma mar minn taħt.

Isimgħu mela xi praspura ġratlu.

Luċens kellu nitfa ta' ħanut tal-laħam fil-misraħ tar-raħal. Kien fil-qalba u għalhekk tidħol x'ħin tidħol, il-ħanut dejjem tarah imballat bin-nies, l-aktar bin-nisa ireddnu u jpaċpċu x'libset dik u x'għamlet l-oħra jew iħaqqu ma' Luċens biex ifittex jeħlishom.

Tal-ħanut, bħal ħafna oħrajn, kien daqsxejn fanfarun. Kien jiftaħar li hu kellu l-aħjar ħanut u li ssiblu l-iprem laħam tal-majjal u taċ-ċanga. "X'ingħidu mbagħad għaz-zalzett u l-mazzit?" kien iħobb jidden Luċens. "Jekk iddur ma' Malta kollha ma ssibx itjeb minnhom." Kollu minnu, lil Luċens kont issiblu l-aħjar fis-suq. U dan, ix-xerrejja kienu jixhduh, għax għand oħrajn kienu jarawha bi tqila biex jidħlu u jixtru. Iżda għandu, f'dak id-daqsxejn ta' ħanut, kien ikollu baħar ta' nies tross biex tilħaq minn ta' l-ewwel.

Għalkemm fil-bejgħ kien jagħraf imur man-nies, Luċens kien xħiħ wisq. Għall-ħabba jasal biex inittef bergħuda. Dak li hu tiegħu u ħaqqu, minn hawn u minn hemm dejjem irnexxielu jieħdu daqs tazza ilma. Mhux malajr jgħadduh minn għajn il-labra.

Imma għal din id-darba z-zalza ġietu ogħla mill-ħuta. Xi drabi x-xitan lanqas jaħmel.

Mela kien il-Ħadd u l-ħanut kien fl-istess festa tas-soltu u f'dak il-jum xi ħaġa iżjed. In-nies, lanqas li kien qed iqassam b'xejn, kienet fgat il-ħanut biex tixtri ħa jkollha xi ssajjar f'dak il-jum ta' btala. Imma kemm jesa' dak l-imbierek ħanut? Ħafna baqgħu barra u dawn ma kinux jaraw dik is-siegħa li n-nies titbattal biex forsi fl-aħħar imiss lilhom.

"Luċens, ittinix grass," kienet qed tgħidlu Filomen. "Dak idilku ma' żaqqek!"

Luċens minflok tmasħan u ħa għalih, tbissem u ħadha biċ-ċajt; "Ajma ħej, mela mur ara kieku kelli ż-żaqq tas-Sur Manifk x'kont tgħidli?"

Filomen kienet is-seftura tas-Sur Peppin, in-nutar tar-raħal. Hi kienet tqisu daqs ħuha u għalhekk xejn m'għoġobha dak li qalilha tal-ħanut.

"Int lilek min semmielek il-Manifk. Għax ma tarax x'laħam